Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 99/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Agius:

Talli fl-10 ta' Marzu 2004 ghall habta tal-11.30 a.m., ha gurament falz quddiem il-Qorti Kriminali;

Talli hu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Marzu 2003 fejn kien instab hati b'serq u kkundannat l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal tliet snin;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ April 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-appellat (allura imputat) sabitu hati u ikkundannatu ghall-piena ta’ sitt xhur prigunerija, liema sentenza ta' prigunerija giet sospiza ghal perijodu ta' sena mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generaliipprezentat fis-16 ta’ April 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrifoma w timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet tija fl-appellat skond l-imputazzjonijiet migjuba kontrieh, thassarha u tirrevokaa f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija, sospizi ghal perijodu ta' senma u, minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi b'mod li l-perijodu ta' prigunerija inflitt ikun wiehed effettiv u immedjatament skontabbli;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellant u ta' Dott. Jose` Herrera ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali appella mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti peress li jsostni li tat piena li fix-xorta jew fil-kobor taghha mhijiex dik ikkontemplata mil-ligi ghar-reati li fuqhom l-appellat gie misjub hati. Huwa jispjega li l-aggravju tieghu jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti invokat u applikat id-disposizzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali sabiex setghet taghti sentenza ta' prigunerija sospiza ghal perijodu meta kienet prekluza milli taghmel dan galadarba l-appellat kien qieghed jinstab hati wkoll li rrenda ruhu recidiv.

Il-ligi f'dan ir-rigward hija <u>carissima</u> u <u>inekwivoka</u>. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jiddisponi li ordni li permezz taghha sentenza ta' prigunerija tigi sospiza "<u>ma ghandux isir</u> … <u>(b)</u> <u>meta l-</u>

ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50". Meta l-appellat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, kien qieghed jammetti wkoll l-akkuza li kien sar recidiv. Difatti fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti rriferiet anke ghall-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Jigifieri *prima facie* jidher li l-appellant ghandu ragun u li l-ewwel Qorti kienet prekluza milli tapplika l-provvedimenti relattivi tal-Kodici Kriminali dwar sentenza sospiza fil-konfront ta' l-appellat.

Dak li qieghed jippreokkupa din il-Qorti pero` huwa l-fatt li l-appellat gie addebitat b'recidiva dwar sentenza li permezz taghha huwa kien tqieghed taht *probation* ghal perijodu ta' tliet snin skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Ghalhekk, QATT MA SETA' JIGI ADDEBITAT MILL-PULIZIJA EZEKUTTIVA BIR-RECIDIVA DWAR DIK IS-SENTENZA. U m'hemm l-ebda dubju dwar liema sentenza din l-imputazzjoni kienet qed tirreferi. Persuna titqies li hija recidiva "jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor" (artikolu 49 tal-Kap. 9). U s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att dwar il-*Probation* (Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:

**"Bla hsara ghal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dan l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonalment ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun, minbarra -**

**(a) l-finijiet tal-proceduri li fihom issir l-ordni u ta' kull procedura sussegwenti li tista' tittiehed kontra l-hati taht id-disposizzjonijjiet ta' qabel ta' dan l-Att, u**
**(b) fil-kaz ta' ufficjal pubbliku, il-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li tista' tittiehed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' htija jew ta' xi wiehed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat"**.

Il-kaz odjern ma jaqa' taht l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet fil-paragrafi (a) jew (b). Konsegwentement

id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz taghha huwa tqieghed taht *probation* ghal perijodu ta' tliet snin, ma setghet QATT titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet ta' recidiva.

Ghalhekk ukoll l-appellat, li mill-fedina penali tieghu ma jirrizultax li huwa recidiv minhabba xi sentenza ta' serq, ma seta' qatt jammetti imputazzjoni li ma ghandha l-ebda fondatezza legali. Kieku issa din il-Qorti kellha tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali biex tirrevedi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti sabiex taghmilha wahda ta' prigunerija effettiva, din il-Qorti tkun semplicement qed taggrava spropozitu legali li tirrizulta f'ingustizzja versu l-appellat.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief li tirriforma s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija liema sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sena l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, thassarha in kwantu sabet lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta' tali imputazzjoni u minnha tilliberah.

Ghal kull bwon fini din il-Qorti spjegat lill-appellat bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------